**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Ottubru, 2015

Rikors Guramentat numru : 217/14/1 AL

AB

vs

CBD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti A B, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet ghaddejjin minn procedura ta' separazzjoni personali fl-ismijiet premessi liema proceduri jinsabu differiti ghall-21 ta' Jannar 2015 ;

Illi l-esponenti jitlob il-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti qabel il-gudizzju finali a tenur ta' l-Artikolu 55 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi mhux se jinholoq l-ebda pregudizzju mhux proporzjonat ghall-konvenuta ;

Talab in vista tas-suespost li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1, Tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti tal-partijiet a tenur ta' l-Artikolu 55 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha eccepiet;

Illi permezz tar-rikors tieghu tad-19 ta' Jannar 2015, ir-rikorrenti qieghed jitlob li din il-Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-esponenti toggezzjona ghal tali talba tar-rikorrenti u dana ghas-segwenti ragunijiet : -

(a) In kwantu jezisti biza' fondat li jekk tigi terminata l-komunjoni tal-akkwisti, assi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti u li fil-prezent jinsabu fil-pussess tar-rikorrenti, jigu trasferiti lil terzi u peress li tali trasferiment isir wara d-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ikun iktar difficli ghall-esponenti li tiehu sehemha mill-istess, partikolarment ghaliex huwa biss matul il-mori tal-kawza li l-esponenti tista tikseb taghrif dwar aspetti essenzjali tal-komunjoni tal-akkwisti;
(b) Illi kemm-il darba tintlaqa' t-talba, l-esponenti tbati pregudizzju mhux proporzjonat meta mqabbel mat-tgawdija li se jaghmel ir-rikorrenti;
(c) Illi l-esponenti qeghda titlob fil-kontrotalba taghha li jigu komminati l-konsegwenzi kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16. Bit-talba proposta mir-rikorrenti fir-rikors odjern, f'kaz li tali kontrotalba tigi akkolta, ser jigi frustrat l-ezitu tal-akkoljiment tal-kontrotalba f'kaz li l-komunjoni tal-akkwisti tigi tterminata f'dan l-istadju, u huwa biss mal-mori tal-kawza li l-esponenti tista' tikseb taghrif dwar aspetti essenzjali tal-komunjoni tal-akkwisti;
(d) Illi a bazi tal-Art 48 tal-Kap. 16 u disposizzjonijiet konnessi jista jkun li fil-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti jkunu jridu jittiehdu mizuri li jmorru lil hinn minn semplici divizjoni aritmetika;

(e) Illi inoltre l-kontendenti ghandhom home loan mal-HSBC Bank Malta plc liema dejn jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti. Skont id-dispost tal-Artikolu 1330 tal-Kap. 16, "meta l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti ma jkunux bizzejjed biex jithallsu d-djun li jkunu piz fuqhom, il-kredituri ta' dik il-komunjoni jistghu jinforzaw it-talba taghhom in subsidium kontra l-beni parafernali tal-mizzewgin". Dan jista jwassal biex l-esponenti tkun esposta anke bil-beni parafernali taghha ghal hlas tal-imsemmija loan, pregudizzju li huwa tali li jwassal biex tigi michuda t-talba tar-rikorrenti;

Illi ghalhekk fl-umli fehma tal-esponenti, it-talba tar-rikorrenti sabiex jigi ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B, ghandha tigi michuda f'dan l-istadju, bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat illi r-rikors thalla ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat : -

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex pendenti l-kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom. Il-Qorti tirriferi ghall-Artikolu 55(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtiha l-fakolta` sabiex fiz-zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu that amministrazzjoni separata. Il-Qorti trid necessarjament tevalwa jekk xi wahda mill-partijiet tkunx ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kap. 16.

Ir-rikorrent jishaq li m'hemm xejn xi jwaqqaf lil din il-Qorti milli tilqa` din it-talba tieghu u dan *stante* li hadd mill-partijiet m'hu ser ibati pregudizzju, izda min-naha taghha l-intimata topponi

ghat-talba ghaliex tikkontendenti li jekk il-Qorti tilqa` t-talba tieghu, ir-rikorrent jista` jittrasferixxi lil terzi assi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti u li fil-prezent jinstabu fil-pussess tieghu u peress li dan it-trasferiment isir wara d-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u jkun aktar difficli ghall-intimata li tiehu sehemha mill-istess.

Hija topponi wkoll peress illi tikkontendenti li jekk tintla` din it-talba hija ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat meta mqabbel mat-tgawdija li se jaghmel ir-rikorrent.

L-intimata ssemmi wkoll li hija talbet fil-kontrotalba taghha li jigu komminati l-konsegwenzi kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap 16. Bit-talba proposta mir-rikorrent fir-rikors odjern, f'kaz li tali kontrotalba tigi akkolta, ser jigi frustratt l-ezitu tal-akkoljiment tal-kontrotalba f'kaz li l-komunjoni tal-akkwisti tigi tterminata f'dan l-istadju, u huwa biss mal-mori tal-kawza li l-intimata tista` tikseb taghrif dwar aspetti essenzjali tal-komunjoni tal-akkwisti.

L-intimata tikkontendi wkoll illi l-partijiet ghandhom home loan mal-HSBC Bank Malta plc, liema dejn jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti u jekk il-beni tal-komunjoni tal-akkwisti ma jkunux bizzejjed biex jithallsu d-djun li jkunu piz fuqhom, il-kredituri tal-komunjoni jistghu jinforzaw it-talba taghhom *in subsidium* kontra l-beni parafernali tal-mizzewgin u ghalhekk tikkontendi li dan jista` jwassal biex tkun esposta anke bil-beni parafernali taghha ghall-hlas tal-imsemmija loan u illi dan il-pregudizzju huwa tali li jwassal biex tigi michuda t-talba tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat :-

Illi ghal dak li jirrigwarda l-home loan mal-HSBC, liema dejn jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, irrispettivament jekk il-komunjoni tal-akkwisti tigix xolta jew le, id-djun li lahqu gew kuntrattati qabel ma tkun giet xolta l-komunjoni tal-akkwisti jibqghu vigenti u ghalhekk l-intimata ser tibqa` fl-istess posizzjoni li hija fiha llum fir-rigward ta' din il-home loan jekk il-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta. Ghalhekk mhux ser jinholoq ebda pregudizzju ulterjuri lill-intimata jekk tigi xolta l-imsemmija komunjoni tal-akkwisti.

Illi l-istess jinghad ghall-argument tal-intimata, fis-sens illi jekk il-Qorti tilqa` t-talba illi hija ghamlet fil-kontrotalba taghha u jigu komminati kontra r-rikorrenti l-konsegwenzi kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap 16, bit-talba proposta mir-rikorrenti biex tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti m'hu minnu xejn li jigi frustrate l-ezitu tal-akkoljiment tal-kontrotalba f'kaz li l-komunjoni tal-akkwisti tigi tterminata, u dana peress illi ghal dak kollu li jaqa` taht il-kappa tal-komunjoni tal-akkwisti jew xi mmobbli parafernali tal-partijiet, xejn ma jista` jigi mittiefes bit-talba odjerna tar-rikorrent, peress li jekk tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti millum, l-obbligi tal-manteniment, kemm versu r-ragel jew l-mara, kif ukoll lejn l-ulied, jibqa` vigenti bejn il-partijiet u l-istess irid jinghad ghal dak kollu li jaqa` taht il-komunjoni tal-akkwisti jew ta' xi mmobbli parafernali tal-partijiet, *stante* li t-talba odjerna tkun applikabbli biss mid-data ta' dan id-digriet 'il quddiem u mhux b'mod retroattiv.

Il-Qorti wara li kkunsidrat il-provi kollha migjuba quddiemha u wara li semghet it-trattazzjoni, wara li kkunsidrat illi dak li issa huwa formanti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa` hekk sakemm ikun hemm ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u d-decizjoni dwar il-qasma tal-proprjeta` tal-partijiet, tara li dak li qed jitlob ir-rikorrent huwa biss li l-istess komunjoni tal-akkwisti tieqaf u ma tibqax fis-sehh u dana bl-ebda mod ma jista` jikkreja pregudizzju sproporzjonat lill-intimata.

Ghaldaqstant u ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors tieghu tat-2 ta' Frar, 2015 u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B *ai termini tal-*Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett millum.

Bl-ispejjez dwar din is-sentenza jigu decizi mas-sentenza finali b'dan illi r-rikorrent ghandu a spejjez tieghu jinnotifika b'din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u dan fiz-zmien xahar millum.